MALTA

# TRIBUNAL TAL-APPELL GHALL-KOMPETIZZJONI U GHALL-KONSUMATUR

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Rikors Numru. 7/2012

**Melita plc u Melita Mobile Limited**

**vs**

**Direttur Generali (Affarijiet tal-Konsumatur)**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tal-Awtorita ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni li talab li jintervjeni f’dawn il-proceduri;

Ra r-risposta tas-socjetajiet Melita plc u Melita Mobilie Limited li opponew ghal din it-talba;

Ra r-risposta tad-Direttur Generali li qabel li l-Awtorita tintervjeni.

**Ikkunsidra**

Jibda biex jinghad illi l-procediment quddiem dan it-Tribunal huwa sui generis regolati bil-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta u t-Tribunal hu marbut ukoll bir-Regoli ta' Procedura fit-Tieni Skeda tal-Kapitolu 510 cioe l-Att dwar l-Awtorita ta' Malta ghal Kompetizzjoni u ghall-Affarijiet tal-Konsumatur. Dawn ir-regoli ma jipprekludux l-intervent fil-kwistjoni ta' enti kwalifikata jew persuna li tkun ghamlet ilment, kwalitajiet li jinstabu fl-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.

Ghalhekk huma zbazati s-socjetajiet Melita meta jikkwotaw l-artikolu 110B(1) tal-Kap. 378 biex jeskludu l-intervent ta' terz interessat. Dan l-artikolu jipprospetta d-dritt ghall-appell u apparti li ma jsemmix min ghandu dritt jappella, f'dan il-kaz, kull ma qed titlob l-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni hu li jintervjeni mhux li jappella. Pero anki hawn l-artikolu 95(3) tal-Kap. 378 jaghti d-dritt lill-Awtorita li tappella quddiem it-Tribunal jekk id-Direttur Generali dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur uza d-diskrezzjoni tieghu u ma harigx l-ordni ta' tharis mitlub mill-Awtorita. Multo magis ghalhekk, jekk qed jinghata dritt ta' appell direttament lill-Awtorita quddiem dan it-Tribunal ghandha jedd tintervjeni fl-appell mressaq mis-socjetajiet kontra ordni li nhareg fuq talba tal-istess Awtorita.

Ovvjament id-dritt ta' intervent hu distint mill-pozizzjoni li jgawdu l-appellant u l-appellat f'dawn il-proceduri. Billi dawn il-proceduri quddiem dan it-Tribunal huma sui generis, japplikaw ir-regoli li japplikaw ghal kwalsiasi lanjant li ressaq lment quddiem id-Direttur Generali (Affarijiet tal-Konsumatur). It-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni tieghu tas-27 ta' Gunju 2012 fl-ismijiet **Ufficju ghall-Kompetizzjoni vs Korporazzjoni Enemalta wara l-ilment ta' Attard Services Limited et** fejn gie ezaminat u determinat il-pozizzjoni legali tal-lanjant fil-proceduri quddiem it-Tribunal u t-Tribunal iqis li dak li nghad fil-konfront tal-lanjant f'dawk il-proceduri ghalkemm fl-ambitu tal-ligi tal-kompetizzjoni qua l-enti li ressqet l-ilment f'dawk il-proceduri japplika ghall-intervenut f'dan il-kaz qua l-enti li ressqet it-talba quddiem id-Direttur Generali biex jittiehdu passi.

Is-socjetajiet Melita isostnu li l-Awtorita ma ghandhiex interess guridiku f'dawn il-proceduri. Gie kkwotat l-artikolu 960 tal-Kap. 12 dwar id-definizzjoni tal-intervenut, u r-rekwiziti skond il-gurisprudenza Maltija dwar dan ir-rikwizit. Kif gia inghad il-proceduri quddiem it-Tribunal huma sui generis u ghalkemm irid jittiehed kont tal-artikoli relevanti tal-Kodici ta' Procedura, dawn il-proceduri mhumiex 'adverserial' kif jipprospetta l-artikolu 960, u ghalhekk l-interess guridiku irid jittiehed fil-kuntest tal-ligijiet tal-konsumatur cioe l-interess tal-Awtorita li tipprotegi l-interessi tal-konsumatur jekk tqis li dawn qed jigu vjolati. Dan l-interss hu car ghax-kienet hi li ppromoviet l-ilment li gie milqugh mill-Ufficju ghall-Konsumatur. Ghalkemm hu minnu illi l-partijiet fil-vertenza huma d-Direttur Generali (Affarijiet tal-Konsumatur) u s-socjetajiet milquta bl-ordni mahrug, l-Awtorita hi parti interessata f'isem il-konsumatur li lilhom qed tipprotegi. Ghalhekk ghandha interess guridiku li tippartecipa ghalkemm bil-mod limitat bhal kull persuna li tressaq ilment, u ma ghandhiex tigi eskluza milli tippartecipa fi proceduri instigati minnha stess fl-interess tal-konsumatur liema interess ghadu jippersisti, dejjem fil-limiti ta' dak li l-Awtorita tista' tippartecipa fih f'dawn il-proceduri.

**Decide**

Ghalhekk it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni u tawtorizzaha tintervjeni f'dawn il-proceduri fil-limiti ta' dak li hu provdut u deciz dwar kull persuna li tressaq ilment quddiem l-Ufficju tal-Konsumatur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------